MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 737/2000/1

**Adelaide Ellul, xebba, Edmea u Michael mizzewgin Calleja u John Ellul, ahwa Ellul u b'digriet tat-30 ta' April 2002 l-atti gew trasfuzi fuq Adelaide Ellul, xebba u Edmea u Michael mizzewgin Calleja stante l-mewt ta' John Ellul l-attur.**

**Vs**

**Carmel sive Charles Ellul u martu Mary Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' erba mija tnejn u tletin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm432.50) kwantu ghas-somma ta' tlett mija hamsa u tmenin lira Maltin wiehed u erbghin centezmu (Lm385.41) kera tal-garage tlittax Saint Publius Street, Floriana, ghall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1985 sal-5 ta' Novembru 1997 data tas-sentenza ta'

sgumbrament fil-kawza fl-ismijiet “Adelaide Ellul et vs Charles Ellul”moghtija mill-Bord li jirregola l-kera kif sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell, u kwantu ghas-somma ta’ seba u erbghin lira Maltin disa centezmi (Lm47.09) in linea ta’ danni ghall-okkupazzjoni taghhom tal-istess fond mis-6 ta’ Novembru 1997 sal-31 ta‘ Mejju 1999 kalkolati a bazi tal-kera.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficajli tat-28 ta’ Frar 1985, 18 ta’ Settembru 1985, 17 ta’ Marzu 1992, 18 ta’ Settembru 1995, 12 ta’ Frar 1997 u 22 ta’ Ottubru 1999 u bl-imghax ta’ 8% minn notifika ta’ dan l-avviz. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u li biha eccepew (fol 6 tal-atti):

1. In linea preliminari l-azzjoni attrici fejn din tirrigwarda t-talba ghall-hlas ta’ kera tal-fond de quo hija preskritta a tenur tal-Art. 2156© tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom jaghtu prova tal-kirja li fuqha qed tigi proposta l-azzjoni odjerna.

3. It-talba attrici ghall-hlas tad-danni ghandha tkun respinta billi l-eccipjenti ma kkagunawx danni lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti in konnessjoni mal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna a basi tal-artikolu 2156© tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn jinghad l-azzjonijiet ghall-hlas

ta' kera ta' fondi urbani u rurali huma preskritti bit-trapass ta' hames snin.

Illi, f'dan il-kaz, qed jintalab il-hlas tal-kera fuq il-fond in kwistjoni ghall-perjodu li jmur mill-1 ta' Jannar 1985 sal-5 ta' Novembru 1997, liema kera kien ta' Lm30 fis-sena pagabbli kull l-ewwel (1) ta'Jannar bil-quddiem.

Ikkunsidrat

Illi mal-atti gew esebiti l-atti tar-rikors fl-ismijiet "Adelaide Ellul et vs Charles Ellul sive Carmelo Ellul" deciz, finalment, mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru 1997. Fir-rikors promotur, presentat quddiem il-Bord kompetenti fit-13 ta' Novembru 1997 jinghad li l-intimat, il-konvenut odjern kien baqa' moruz fil-hlas tal-kera ghal diversi snin nonostante li kien gie interpellat b'erba ittri ufficjali li ggibu d-dati tat-28 ta' Frar 1985, tal-17 ta' Marzu 1992, tat-18 ta' Settembru 1995 u tat-12 ta' Frar 1997, liema ittri jinsabu annessi ma dawn l-atti flimkien ma dawk tar-rikors imsemmi. Mill-istess atti jidher li dawn l-ittri ufficjali kienu gew notifikati lill-konvenut rispettivament, fis-6 ta' Marzu 1985, fl-20 ta' Marzu 1992, fit-8 ta' Frar 1996 u fit-18 ta' Frar 1997.

Illi mill-premess jidher li kien skada perjodu ta' madwar seba' snin bejn l-ewwel u t-tieni ittra ufficjali. Skond din tal-ahhar, il-konvenut kien gie interpellat sabiex jhallas Lm270 "ta' disa snin kera …. ghal perjodu mill-1 ta' Jannar 1984 sal-31 ta' Dicembru 1992". Din l-ittra ufficjali interrompiet id-dekors tal-preskrizzjoni pero' in rigward biss il-hames snin precendenti . Ghalhekk, jidher li l-kera qabel l-iskadenza dovuta fl-1 ta' Jannar 1988 giet preskritta u dan b'referenza ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1985 sal-1 ta' Jannar 1987 b'kollox Lm90

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni trid tigi akkolta "in parte" kif hawn fuq premess u limitatament ghas-somma ta' Lm90.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa “in parte” l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara illi l-azzjoni limitatament ghall-iskadenzi ta’ kera tal-1 ta’ Jannar 1985 sal-1 ta’ Jannar 1987 b’kollox Lm90 hi preskritta u tordna li s-smiegh ta’ dan l-kaz jitkompla in rigward l-ammont ta’ Lm295.41 u t-tieni talba kif dedotta mill-istess avviz.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------